MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 362/2011

**Paul Galea (ID 176665M)**

**Vs**

**Adrian Bajada (ID307468M)**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tar-rikorrenti ghall-kundanna tal-intimat ghall-hlas ta’ sebat elef, tlett mija sitta u tletin ewro wiehed u erbghin centezmu (€7,336.41) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ prodotti mibjugha lilek fuq ordnijiet tieghek stess u li baqa’ ma thallasx (ara l-prospett anness u mmarkat Dok A).

Minkejja li gie interpellat ihallas diversi drabi, inkluz permezz tal-ittra ufficjali numru 4549/2010 mahruga ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (Dok B), l-intimat baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjes kollha kontra l-intimat inkluzi dawk tal-ittra ufficjali fuq imsemmija u bl-imghaxijiet bl-ghola rata jew rati permessi mill-ligi, fuq is-somma mitluba, dekorribbli mid-dati tal-fatturi relattivi ndikati fuq il-prospett anness sal-gurnata tal-hlas effettiv.

L-intimat huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti markati Dok A u Dok B a fol 2 sa fol 4 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tar-rikorrenti sabiex l-intimat iwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjez jigu ppruvati (Artikoli 698 u 702(3)(b) Procedura Civili)

Billi ghalkemm notifikati regolarment l-intimat naqas milli jidher fl-10 t'Ottubru, 2012 meta gew ppresentati l-Kapitoli u lanqas illum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Wara li rat l-atti kollha tal-kawza.

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tikkundanna lil-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' sebat elef, tlett mija sitta u tletin ewro, wiehed u erbghin centezmu (€7,336.41) bl-imghax legali "a scaletta" skont id-dati tal-fatturi kif specifikati fuq l-anness Dok A a fol 2 u fol 3 tal-istess rikors sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kolha nkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 4549/2010.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------